A.L. 323 tal-2010

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ġuriżdizzjoni u Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 37 (2) tal-Att dwar ix-Xandir, Il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ġuriżdizzjoni u Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir u għandhom jinqraw u jitqiesu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2000 dwar Ġuriżdizzjoni u Kooperazzjoni Ewropea fix-Xandir, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 350.04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "Stat skedat" għandha titħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Skop tar-regolamenti.

3. Is-servizzi ta' mezzi awdjoviżivi kollha trasmessi minn provdituri ta' servizzi tal-mezzi f'Malta għandhom jikkonformaw mar-regoli tas-sistema ġuridika applikabbli għal servizzi ta' mezzi awdjoviżivi maħsubin għall-pubbliku f'Malta kif inhuma fl-Att dwar ix-Xandir u f'leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ġuriżdizzjoni ta' Malta.

4. (1) Provdituri ta' servizzi tal-mezzi li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Malta huma dawk:

(a) stabbiliti f'Malta skont is-subregolament (2); jew

(b) li japplika għalihom is-subregolament (3).

(2) Provditur ta' servizzi tal-mezzi għandu jitqies li hu stabbilit f'Malta fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-provditur ta' servizzi tal-mezzi jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta u d-deċiżjonijiet editorjali dwar is-servizzi ta' mezzi awdjoviżivi jittieħdu fi Stat Membru ieħor;

(b) jekk provditur ta' servizzi tal-mezzi jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta iżda d-deċiżjonijiet editorjali dwar is-servizz ta' mezzi awdjoviżivi jittieħdu fi Stat Membru ieħor, għandu jitqies li huwa jkun stabbilit fl-Istat Membru fejn topera parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fil-ġestjoni tal-attività tas-servizz tal-mezzi awdjoviżivi. Jekk parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fil-ġestjoni tal-attività tas-servizz tal-mezzi awdjoviżivi tkun topera f'kull wieħed minn dawk l-Istati Membri, il-provditur ta' servizzi tal-mezzi għandu jitqies bħala stabbilit fl-Istat Membru fejn għandu l-uffiċċju prinċipali. Jekk parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fil-ġestjoni tal-attività tas-servizz tal-mezzi awdjoviżivi ma tkunx topera f'ebda wieħed minn dawk l-Istati Membri, il-fornitur ta' servizzi tal-mezzi għandu jitqies li huwa stabbilit fl-Istat Membru fejn tkun bdiet l-ewwel darba l-attività tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru, sakemm huwa jżomm rabta stabbli u effettiva mal-ekonomija ta' dak l-Istat Membru;

(ċ) jekk provditur ta' servizzi ta' mezzi jkollu l-uffiċċju tiegħu f'Malta iżda d-deċiżjonijiet dwar is-servizz tal-mezzi awdjoviżivi jittieħdu f'pajjiż terz, jew bil-maqlub, huwa għandu jitqies li huwa stabbilit fl-Istat Membru involut, b'dan

iżda li parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fil-ġestjoni tal-attività tas-servizz tal-mezzi awdjoviżivi tkun topera f'dak l-Istat Membru.

(3) Provdituri ta' servizzi ta' mezzi li d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) mhumiex appikabbli għalihom għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Malta fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk jużaw *up-link* satellitari sitwata f'dak l-Istat Membru;

(b) għalkemm ma jużawx up-link satellitari sitwata f'Malta, jużaw il-kapaċità satellitari li tappartjeni lil Malta.

(4) Jekk il-kwistjoni dwar liema Stat Membru għandu ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi determinata skont is-subregolamenti (2) u (3), l-Istat Membru kompetenti għandu jkun dak li l-provditur ta' servizzi ta' mezzi huwa stabbilit fih fit-tifsira tal-artikoli 43 sa 48 tat-Trattat.

(5) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' mezzi awdjoviżivi esklussivament maħsubin għar-riċezzjoni f'pajjiżi terzi u li ma jinqabdux b'tagħmir standard tal-konsumatur direttament jew indirettament mill-pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolamenti (3) sa (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "xogħlijiet Ewropej" tfisser:

(a) xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejħin "Stati Membri";

(b) xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Ewropej terżi li huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea

dwar Televiżjoni Transfruntiera tal-Kunsill tal-Ewropa u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet fis-subregolament (4);

(ċ) xogħlijiet ko-prodotti fil-qafas tal-ftehim relatat mas-settur awdjoviżiv magħmul bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imfissra f'kull ftehim bħal dawn:

Iżda l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (b) u (c) ta' dan is-subregolament għandha tkun soġġetta għall-kondizzjoni li xogħlijiet li joriġinaw fi Stati Membri ma jkunux jiffurmaw is-suġġett ta' miżuri diskriminatorji fil-pajjiżi terzi konċernati.

(4) Ix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (3) huma xogħlijiet magħmulin prinċipalment minn awturi u ħaddiema li joqogħdu f'wieħed jew aktar mill-Istati msemmijin fil-paragrafi msemmija, sakemm dawn ikunu jikkonformaw ma' waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu magħmulin minn produttur wieħed jew aktar stabbiliti f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

(b) il-produzzjoni tax-xogħlijiet tkun sorveljata u attwalment kontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbiliti f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

(ċ) il-kontribut ta' ko-produtturi ta' dawk l-Istati għall-ispejjeż tal-ko-produzzjoni totali jkun preponderanti u l-ko-produzzjoni ma tkunx kontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbilit barra minn dawk l-Istati.

(5) Xogħlijiet li mhumiex Ewropej fl-ambitu tat-tifsira tas-subregolament (3) imma huma prodotti fl-ambitu tal-qafas ta' trattati bilaterali ta' ko-produzzjoni konklużi bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li huma xogħlijiet Ewropej sakemm il-ko-produtturi mill-Komunità jissupplixxu sehem maġġoritarju tan-nefqa totali tal-produzzjoni u

l-produzzjoni ma tkunx ikkontrollata minn produttur jew aktar stabbiliti barra t-territorju tal-Istati Membri.";

(b) is-subregolamenti (6) u (7) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-s-subregolament (8) jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (6) tiegħu.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "fi żmien qasir u effettiv" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien qasir"; u

(b) minflok is-subregolament (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ix-xandara m'għandhomx jeżerċitaw id-drittijiet esklużivi mixtrija mid-19 ta' Diċembru 2007 'l quddiem b'mod li proporzjon sostanzjali mill-pubbliku fi Stat Membru ieħor ikun miċħud mill-possibbiltà li jsegwi avvenimenti li huma magħżula minn dak l-Istat Membru l-ieħor skond id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jittrasponu l-paragrafu 3 tal-artikolu 3j tad-Direttiva permezz ta' xandiriet diretti sħaħ jew parzjali jew, fejn ikun meħtieġ jew xieraq għal raġunijiet oġġettivi fl-interess pubbliku, xandiriet differiti sħaħ jew parzjali fuq televiżjoni bla ħlas kif stabbilit minn dak l-Istat Membru l-ieħor skont il-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-dispożizzjoni msemmija tad-Direttiva.".

Iħassar l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha titħassar.